



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 9 ta' Diċembru 2011 (12.12)
(OR. en)**

**18196/1/11
REV 1**

**Fajls Interistituzzjonali:
2010/0312 (COD)
2011/0242 (COD)**

**SCHENGEN 61
SCH-EVAL 217
FRONT 195
COMIX 810
CODEC 2331**

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kunsill/Kumitat Imħallat fil-livell ministerjali (UE-Islanda/Norveġja u Svizzera/Liechtenstein)
Nru dok. preċ.: Suġġett:	17280/1/11 REV 1 SCHENGEN 56 SCH-EVAL 202 FRONT 174 COMIX 744 CODEC 2131 – Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen – Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 562/2006 sabiex jipprovdi regoli komuni dwar l- introduzzjoni mill-ġdid temporanja tal-kontrolli tal-fruntieri fil-fruntieri interni f'ċirkostanzi eċċezzjonali - Stat attwali

I. INTRODUZZJONI

1. Fit-23 u fl-24 ta' Ġunju 2011, il-Kunsill Ewropew¹ appella, minn naħa waħda, għal "*sistema ta' monitoraġġ u evalwazzjoni effettiva u affidabbli*" li "*għandha tkun ibbażata fl-UE u tinvolvi esperti mill-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-aġenziji kompetenti*", il-Kummissjoni hija mistiedna "*fejn meħtieġ tipproponi miżuri biex twieġeb għal kwalunkwe nuqqas li jiġi identifikat*". Hu appella, minn naħa l-oħra, għall-introduzzjoni ta' mekkaniżmu "*sabiex jirreaġixxi għal ċirkostanzi eċċezzjonali li jqiegħdu l-funzjonament ġenerali tal-kooperazzjoni Schengen f'riskju, mingħajr ma jitqiegħed f'periklu l-prinċipju tal-moviment liberu tal-persuni [li] għandu jinkludi serje ta' miżuri li għandhom jiġu applikati b'mod gradwali, differenzjat u kkoordinat*

¹ EUCO 23/1/11 REV 1, paragrafi 21 u 22.

sabiex jassisti lil Stat Membru li jkun qed jiffaċċja pressjoni qawwija fil-fruntieri esterni" u li "bħala l-aħħar miżura", jistgħu jinkludu "klawsola ta' salvagwardja (...) li tippermetti r-reintroduzzjoni eċċezzjonali tal-kontrolli fuq il-fruntieri interni f'sitwazzjoni tassew kritika fejn Stat Membru ma jkunx għadu jista' jikkonforma mal-obbligi tiegħu skont ir-regoli ta' Schengen". Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tressaq proposta għal dan il-għan f'Settembru 2011.

II. SITWAZZJONI ATTWALI

2. Fid-16 ta' Settembru 2011 il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill pakkett legislattiv² kompost minn proposta emendata għal mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen³ u proposta biex jiġi emendat il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen (KFS)⁴ fir-rigward tal-introduzzjoni temporanja mill-ġdid tal-kontrolli fuq il-fruntieri interni f'ċirkostanzi eċċezzjonali⁵.
3. Ta' min wieħed jinnota li skont il-Protokoll (Nru 1) dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali⁶, għadd konsiderevoli ta' Parlamenti nazzjonali bagħtu opinjoni negattiva dwar il-kwistjoni ta' jekk il-proposta għall-introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri tikkonformax mal-prinċipji ta' sussidjarjetà (FR⁷, NL⁸, PT⁹, SE¹⁰, SK¹¹, RO¹²). Xi parlamenti nazzjonali għadhom ma lestewx il-proċedimenti tagħhom, u jistgħu jintbagħtu aktar opinjonijiet.

² Ara 14357/11.

³ Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-twaqqif ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen, kif tidher f'14358/11.

⁴ Ir-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-15 ta' Marzu 2006, ĠU L 105, 13.4.2006, p. 1.

⁵ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 562/2006 sabiex jipprovdi regoli komuni dwar l-introduzzjoni mill-ġdid temporanja tal-kontrolli tal-fruntieri fil-fruntieri interni f'ċirkostanzi eċċezzjonali, kif jidher fid-dokument 14359/11.

⁶ ĠU C 83, 30.3.2010, p. 203.

⁷ 17094/11.

⁸ Id-dokument għad irid jinħareġ.

⁹ 16679/1/11 REV 1.

¹⁰ 17095/11.

¹¹ 17063/11.

¹² 17056/11 u 17096/11 (iż-żewġ kmamar).

4. Wara dibattitu preliminari fil-Kunsill (ĠAI) tat-22 ta' Settembru 2011, il-proposti ġew diskussi fil-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Relatati ma' Schengen (Acquis) tat-30 ta' Settembru 2011, tat-28 ta' Ottubru 2011, tat-8 ta' Novembru 2011 u tat-18 ta' Novembru 2011.
5. Fit-2 ta' Diċembru 2011, il-Presidenza ppreżentat lill-COREPER (Kumitat Imħallat) tliet mistoqsijiet¹³ bil-ħsieb li jiġu ffaċilitati aktar diskussjonijiet dwar il-pakkett leġislattiv:
- (a) *jekk il-bażi legali tal-proposta tal-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen għandhiex tkun l-Artikolu 70 jew l-Artikolu 77(2) TFUE.*
 - (b) *jekk it-test li jemenda d-disposizzjonijiet eżistenti tal-KFS fir-rigward tal-introduzzjoni temporanja mill-ġdid tal-kontrolli fuq il-fruntieri interni għandux jagħti setgħa ta' teħid ta' deċiżjonijiet lill-Kummissjoni permezz ta' proċedura ta' kumitat.*
 - (c) *jekk kienx hemm ftehim ġenerali dwar il-ħtieġa għal dispożizzjoni dwar l-introduzzjoni ta' kontroll fuq il-fruntieri interni f'każ ta' nuqqasijiet serji persistenti relatati mal-miżuri tal-kontroll fuq il-fruntieri fejn dawn in-nuqqasijiet jikkostitwixxu theddida serja għall-politika pubblika jew għas-sigurtà interna u jekk għandhiex tingħata setgħa ta' teħid ta' deċiżjonijiet lill-Kummissjoni permezz ta' proċedura ta' kumitat.*
6. Id-diskussjonijiet urew li:
- (a) Għadd konsiderevoli ta' delegazzjonijiet iqisu l-Artikolu 70 bħala l-bażi legali adegwata. Minoranza ta' delegazzjonijiet jippreferu l-Artikolu 77(2) jew kienu lesti jaċċettaw l-użu ta' dik id-dispożizzjoni bħala l-bażi legali.
 - (b) Kważi d-delegazzjonijiet kollha kienu kontra li tingħata setgħa (permezz ta' proċedura ta' kumitat) lill-Kummissjoni li tiddeċiedi dwar l-introduzzjoni temporanja mill-ġdid tal-kontrolli fuq il-fruntieri interni. Madankollu, għadd ta' delegazzjonijiet indikaw li kienu lesti jaċċettaw tisħiħ tal-arranġamenti eżistenti għas-sorveljanza u għall-iskambju ta' informazzjoni.
 - (c) Il-parti l-kbira tad-delegazzjonijiet kienu favur li jkun hemm mekkaniżmu ta' salvagwardja fil-livell tal-UE li jindirizza nuqqasijiet serji li joħolqu theddida serja għall-ordni pubblika jew għas-sigurtà interna, li fih l-Istati Membri jibqgħu responsabbli għat-teħid tad-deċiżjonijiet rilevanti.

¹³ Ara 17280/1/11 REV 1 + COR 1.

7. Ta' min wieħed jinnota wkoll li s-Servizz Legali tal-Kunsill ta opinjoni dwar il-bażi legali għall-proposta għal mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen¹⁴, fejn argumenta li l-bażi legali korretta għal mekkaniżmu bħal dan għandha tkun l-Artikolu 70 TFUE, li kien iddaħħal fit-Trattat speċifikatament għal dan il-għan. Barra minn hekk, is-Servizz Legali tal-Kunsill ta wkoll opinjoni¹⁵ li fiha ddikjara li l-Artikolu 26 tad-dispożizzjonijiet proposti fil-KFS u l-Artikolu 15 tal-proposta għall-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen, li jippermettu l-introduzzjoni mill-ġdid tal-kontrolli fuq il-fruntieri interni f'każijiet fejn Stat Membru jonqos milli jikkonforma mal-obbligi tiegħu skont l-acquis ta' Schengen, huma inkompatibbli mas-sistema tat-Trattati.

III. KONKLUŻJONI

8. F'dan il-kuntest, il-Kunsill/Kumitat Imħallat huwa mistieden jieħu nota tal-eżiti tad-diskussjonijiet fil-Coreper/Kumitat Imħallat kif jidher fil-punt 6 hawn fuq, li issa ser jipprovdi l-bażi għal aktar ħidma fil-livell tal-Coreper u dak tal-grupp ta' ħidma kif opportun.

¹⁴ Ara l-Opinjoni tas-Servizz Legali tal-Kunsill tat-13 ta' Mejju 2011 fi 10148/11, li kienet diġà ngħatat fil-kuntest tal-verżjoni preċedenti tal-proposta ppreżentata mill-Kummissjoni.

¹⁵ 18392/11.